MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 816/2003

Kawza fil-lista: 40

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratrici Legali Veronica Rossignaud nominati b' digriet tal-24 ta' Awissu 2004 Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti A B u C B kienu kkontrattaw zwieg bejniethom fit-tlieta (3) ta' Frar, 1994.

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew dritt ghall-att ta' zwieg liema att taz-zwieg qatt ma sar bejn partijiet.

Peress illi ser jirrizulta simulazzjoni tal-kunsens tant li dan kien kompletament ivvizzjat u/jew sar bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg.

Peress illi ser jirrizulta li ma kienx hemm xewqa ta' tfal rizultanti mir-relazzjoni taz-zwieg bejn il-partijiet.
U ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini ta' l-artikoli rilevanti skond l-Att XXXVI tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti A B u C B debitament ikkontrattat fit-tlieta (3) ta' Frar, 1994 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u taghti dawk il-provedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa biex jixhed in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati li biha eccepew illi huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk irriservaw d-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg li hi kienet ikkuntrattat ma’ C B fit-3 ta’ Frar 1994 huwa null fil-ligi in bazi ghal dak kontemplat fil-paragrafi [d] u [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Mill-kumpless tal-provi rrizulta li fit-3 ta’ Frar 1994 l-attrici zzewwget lill-imsemmi C B ta’ nazzjonalita’ Sirjana, wara li kienet ilha tafu sitt xhur. Minn dan iz-zwieg twieled tifel li llum ghandu 9 snin. Jirrizulta li qabel iz-zwieg C B, ghalkemm ma kellux ktieb tax-xoghol kien jahdem f’ Malta, u skond l-attrici wara li zzewweg akkwista c-cittadinanza Maltija.

Illi l-problemi li rriskontraw dawn il-konjugi kwazi mill-bidu nett taz-zwieg kienu dovuti ghall-kultura differenti li minnha kienu gejjin, u senjatament minhabba l-fatt li zewgha kien riedha tghix bil-mentalita’ li r-ragel jikkmanda lil mara li ghandha tobdieh f’ kollox. Izda apparti minnhekk, zewgha, anke wara z-zwieg, ried jibqa’ jghix il-hajja ta’ single u johrog mal-hbieb matul il-gimgha. Di fatti meta sar jaf li l-attrici kienet tqila b’ ibnu huwa ma kienx ha gost, u xaharjen wara, abbanduna ghal kollox id-dar konjugali, u kif jghid il-Malti, halla lill-attrici lampa stampa tiddependi mill-genituri taghha ghall-ghejxien tieghu u ta’ binhom.

Illi din il-Qorti wara ezami tal-provi hija tal-fehma li f’ dan il-kaz jikkonfigura l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] tal-Artikolu precitat. Mill-provi, u senjatament kif kien gab ruhu zewgha wara z-zwieg, jirrizulta car li, ghalkemm esternament C B ghadda minn cerimonja nuzzjali ma’ l-attrici, internament huwa kien eskluda b’ att posittiv tal-volonta’ tieghu obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u cioe’ l-unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta’ hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied. Il-kapacita’ li jassumu dawn l-obbligi ghandha

tezisti fiz-zewg partijiet.  Dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjoni essenzjali ghall-hajja taz-zwieg, fosthom dik tal-fedelta’ u tal-fiducja, il-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-benessere reciproku bejn il-mizzewgin, cioe’ dawk l-obbligazzjonijet li minghajrhom unjoni ntima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.  Jidher li l-iskop ewlieni tieghu fil-mument tal-ghoti tal-kunsens kien li jakkwista c-cittadinanza maltija permezz taz-zwieg, u jibqa’ jghix il-hajja ta’ single ma hbiebu, bl-attrici martu ssefter warajh.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.  Minn naha l-ohra l-kawzali bazata fuq il-paragrafu [d] ma tinsabx sostnuta mill-provi.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara bhala null u minghajr effett fil-ligi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-3 ta’ Frar 1994.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut nomine, izda dawk relattivi ghall-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu provvisorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------